## 1/07/2019 - **Laqgħa (1)** Item - Sitwazzjoni ta' skart fil-lokalita - Azzjonijiet meħtieġa b'URĠENZA

***Is-sitwazzjoni li qeda tinholoq kawża ta'***,

- Stabilimenti ta' l-ikel ma għandomx kuntrattur privat biex jiġbor l-iskart hekk kif tiddetta l-liġi.
- Stabilimenti ta' l-ikel li joħorgu l-iskart għar-riċiklaġġ anke meta għandhom kuntrattur privat.
- Ħwienet diversi joħorgu kaxxi tal-kartun li jispiccaw bi skart imħallat.
- Residenti joħorgu l-iskart mhux skond l-iskeda u f'kull ħin tal-ġurnata.
- Boroz li ma jinghalqux, jitqattaw u li jinfirxu mat-toroq.
- Kuntratturi tal-kunsill u ta' l-iskema jonqsu milli jonoraw il-kuntratti fosthom fejn jirrigwardja: **Bdil ta' rotot u hinijiet** – **Nuqqas ta' tindif madwar il-bins on wheels** – **Rotot mhux onorati**.
- Ġbir ta' ħġieġ għar-riċiklaġġ mhux effiċjenti.
- Tneħħija ta' Dooms tar-riċiklaġġ mħux fil-ħin propizju.
- Skart iggenerat mill-kostruzzjoni.

***Azzjonijiet meħuda fl-aħħar jiem***

- ✓ Illi mil-21/6/2019 beda jingħata servizz temporanju bla ħlas ta'ġbir u tindif ta' kwalunkwe skart bi qbil ma CMD. Servizz mogħti sa 8/7/2019.
- ✓ Illi, il-ġbir ta' ħġieġ mid-djar issa beda jinġabar darbtejn fix-xhar.
- ✓ Illi, intlaqet il-proposta biex il-gwardjani lokali jiffukaw ferm aktar fuq l-illegalitajiet ta' rimi ta' skart.
- ✓ Illi, Green MT bdiet tqassam kwestjonarju lil tal-ħwienet kummerċjali hekk kif ġie miftiehem.
- ✓ Illi, intlaqet talba biex FTZD iżżid il-ħaddiema tagħha f'SPB biex jiġu ndirizzati diversi xogħolijiet.

***Azzjonijiet li sejrin jibdew fl-immedjat***

- ✓ Illi, se jitwaħħlu diversi tabelli miktuba b'lingwi differenti f'hot spots. MOT qablet li tħallas l-ispiża.
- ✓ Illi, b'koloborazzjoni bejn il-kunsill u Green MT, sejjer jibda proġett pilota għal 6 xhur ta' ġbir tal-kartun mill-ħwienet. Servizz li sejjer jibda fit-8/7/2019 (Tnejn u Ħamis) @11am u jiġi ffinanzjat minn Green MT. Abbinat ma dan is-servizz hemm kwestjonarju u rotta ta' toroq partikolari.
- ✓ Illi, bil-qbil mal-Green MT, il-borża l-griża tar-riċiklaġġ ta' l-istabilimenti kummerċjali sejra tibda tinġabar ma dik domestika kull nhar ta' Tlieta u l-Ġimgha.
- ✓ Illi mill-10/7/2019, l-Erbgħa u s-Sibt, bi qbil mal-Green MT, sejjer jibda servizz ieħor ta' ġbir ta' kartun minn għand stabilimenti kummeċjali tipo tal-merċa u souv enir shops. Meħtieġa approvazzjoni tal-kunsill biex persuna waħda titqabbad biex tiġbor id-data.
- ✓ Illi, huwa suġġerit, li l-kunsill jimbarka b'eżerċizzju ta' informazzjoni biex fejn possibbli jiżdiedu l-kontenituri ta' l-iskart fit-toroq tal-lokalita.
- ✓ Illi, hemm bżonn li l-kunsill ma jibqax passiv u jibda joħroġ default notices fl-eventwalita ta' ksur ta' ftehim mill-kuntratturi.
- ✓ Illi, huwa suġġerit, li tiġi ndikata data għar-Recycling Week Awareness Campaign ma Green MT.
- ✓ Illi, sejrin jiżdidu bin on wheels fejn meħtieġ u jiġu nstallati CCTV's hekk kif kien iddeċieda l-kunsill.
- ✓ Illi, il-kunsill iqassam ittra bl-idejn lis-settur ta' l-ikel biex fi żmien 7 t'ijiem dawn jipprovdu l-isem tal-kuntrattur tagħhom hekk kif seħħ fil-Belt Valletta.

***Azzjonijiet li jeħtieġu approvazzjoni tal-kunsill***

- Illi, il-kunsill jikkummissjona **stħarriġ** biex jiġu iddentifikati dawk il-propjetajiet li għandhom spazju adekwat biex jitpoġġa bin ta' l-iskart. Tiġi esplorata l-possibilita' li l-kunsill jixtri hu stess l-bins necessarji permezz ta' **skema ta' fondi mill-EU**.
- Illi, hu suġġerit li kull ħanut ta' l-ikel ikun obbligat ikollu bin on wheels li tinżamm fil-propjeta privata.
- Illi, permezz ta' ħruġ ta'**By-Law** kull ħanut jiġi mitlub ikollu **bin biex jintuża mill-klijenti** għal lis-skart fl-entratura. Dawk tax-xorb u l-ikel jiġu mitluba jipprovdu ukoll **reċipjent għas-sigaretti**.
- Illi, permezz ta' ħruġ ta' **By-Law** tiġi ndirizzata l-problemi maħluqa mill-**Mail-Box littering**.

  *Il-Kunsill approva uninament*

- Illi, **b'mod permanenti** jinbidel il-ħin u l-frekwenza tal-ġbir ta' l-iskart fil-**Qawra** u **Buġibba**. Huwa suġġerit, li l-ġbir isir darbtejn kull jum, is-sena kollha darba bejn **nofs il-lejl** sa l-**3 am** u oħra mis-**2 pm** sal-**5 pm**. Dan is-servizz ikun jinkludi l-ġbir ta' skart mill-ħwienet ta' l-ikel **b'miżata favur il-kunsill**. Ħrug ta' skart sa massimu ta' **nofs siegħa qabel**.

  *Il-Kunsill ma qabilx.*

***Proposti – medium/long term li jeħtieġu approvazzjoni tal-kunsill***

- Illi, jiġu ddentifikati **siti madwar il-lokalita'** kollha biex jitpoġġew **reċipjenti ta' l-iskart taħt it-triq**. B'hekk, ir-residenti tal-madwar jiġu obligati jiddisponu mill-iskart tagħom f'dawn is-siti, b'hekk **jitnaqqas l-inkonvenjent** minn fuq il-bankini, **l-ispejjes** u **CO2**.

- Illi, il-**kunsill** jimbarka fuq proġett ta' installazzjoni ta' CCTV's li jiġu mmoniterjati 24/7 biex jiżdied l-infurzar f'kull aspett. Kapital għal proġett stmat **€200,000** fejn dan jista jinkiseb permezz ta' skema Fondi Kapitali.

- Illi, **issir b'obbligu**, li kull trakk ta' l-iskart irid ikollu **CCTV bil-WI-FI** installata fuq wara tal-vettura biex b'hekk tingħata ndikazzjoni eżatta ta' xi tħalla fit-triq.

- Illi, l-kunsill jorganizza hu stess **skemi** li jgħinu fiż-żamma ta' l-indafa tal-lokalita'.

- ✓ Illi, permezz ta' ftehim milħuq verbalment ma MOT, il-lokalita ta' SPB jista jibbenifika mis-segwenti servizzi:

  1. **Servizz ta' uffiċjal** li jikkordina x-xogħolijiet kollha konnessi mat-tindif.
  2. **Servizz ta' ufficjali** li xogħolhom ikun li josservaw is-servizz ta' gbir ta' skart domestiku.
  3. Servizz ta' **ġbir ta' skart addizzjonali** li jibda' fil-**5pm.**
  4. Servizz ta' **knis ta' toroq residenzjali** bi doppju tas-servizz mogħti fil-preżent.
  5. Servizz ta' **qtugħ ta' ħaxix** bi skeda.
  6. Servizz ta' **infurzar ta' regolamenti** konnessi ma l-ambjent.
  7. Sevizz ta' **ħasil ta' bins u għamara** tat-triq.
  8. Serviz ta' **ħasil bil-power wash tal-latrini pubbliċi**.
  9. Servizz ta' **emerġenza** konness ma l-iskart.
  10. Servizz ta' tindif f'każ ta' **rimi ta' skart** fil-Wardija, Burmarrad, Imbordin, Imselliet and p/o Bidnija.

***<u>Xiri ta' servizzi temporanji li teħtieġ l-approvazzjoni tal-kunsill</u>***

Il-fatt li l-kunsill għandu diversi Tenders skaduti jeħtieġ li jiġi ffirmat MOU mal-CMD għal xiri ta';

- Servizz ta' Ftuh, għeluq u ħasil ta' latrini pubbliċi nkluż mobile toilet **darba kull jum.** Prezz kwotat **€56,440.78**

- Servizz ta' Qtugħ ta' ħaxix fiż-żoni rurali u urbani kollha. (Rotta tigħata mill-kunsill).
- Knis ta' toroq residenzjali

  Prezz kwotat **€93,725.46** għaż-żewġ servizzi**.**

- Servizz ta' Emergenza bla ħlas.